**Kunsill Lokali Pembroke**

# Rapport Annwali Amministrattiv

# 2009 (April – Diċembru)

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 3 |
| Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill | 8 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 12 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 17 |
| Ir-Rapport ta' l-Uditur u l-'Financial Statements' | 18 |

## Tkompli il-ħidma għal ġid tal-Komunita' tagħna

Matul is-sena li għaddiet ix-xogħol f'Pembroke kompla skond il-ħtiġijiet u l-bżonnijiet tagħna bħala komunita`. Ix-xogħol li dejjem jikber f'dan il-Kunsill ipoġġi sfidi ġodda għalina li qed immexxu din il-lokalita` fl-interess komuni tar-residenti tagħna. Matul is-sena li għaddiet tkompliet tissaħħaħ il-librerija tal-Kunsill b'aktar kotba li xtara il-Kunsill kif ukoll dawk l'irċieva mingħand ir-residenti tagħna. Matul din is-sena il-librerija ser tkun kompjuterizzata. Il-problema tad-dawl madwar il-ġnien f'San Patrizju, li minħabba persuna b'kundizzjoni ta' nuqqas ta' dawl u id-dawl jagħmilha ħsara għadu ma sarx. Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel dawl bil-pannelli voltajiċi meta jirbaħ xi program għal fondi speċjali. Tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tindif ġenerali madwar il-Housing Estates ta' l-ex-'British Army Barracks'. Matul din is-sena rajna ukoll aktar siġar jitħawlu f'Pembroke għall-ġid tal-komunita'.

## Toroq ġodda u xogħol ieħor

Il-Kunsill jistenna li matul din is-sena tibda il-kostruzzjoni ta' Triq Gabriel Henin. Ix-xogħol jikkonsisti billi jinbidlu bankini u jsiru ġodda, jsiru servizzi fejn hemm bżonn kif ukoll tarmak ġdid. It-talba tal-Kunsill biex isir dan ix-xoghol għandha tintlaqa' għax inħossu li tkun komplimentari max-xogħol ta' l-iskola. Fil-fatt il-Kunsill applika taħt l-iskema tal-PPP.

Il-Kunsill għandu jibqa' jinsisti biex isir dħul aħjar għal St Patrick's minħabba l-periklu li hemm f'din iż-żona. Kulħadd jaqbel li hemm bżonn ta' dħul/ħruġ aħjar għal din iż-żona.

Triq il-Mediterran ila li tlestiet imma fl-istess ħin b'dispjaċir ninnutaw li l-bankina tan-naħa tal-palmi ma saritx. Baqa' wkoll il-kwistjoni tad-dawl ta' din it-triq li jiswa ħafna flus. Il-Kunsill huwa ta' l-opinjoni li dawl ta' din it-triq jinqala' minn mad-djar u jsir in-naħa tal-palmi. Is-serveys li saru mill-Kunsill fis-snin li ghaddew tressqu quddiem rappreżentant tal-Ministeru biex forsi jkunu finanzjati mill-fondi Ewropej ta' bejn 2007 u 2013. Irridu wkoll nippressaw mal-Gvern Ċentrali biex dan isir. Tajjeb li jerġa jsir stima/survey tad-dawl. Fl-istess waqt ninsistu għall-embellishment ta' Triq il-Mediterran in-naħa tal-palmi. Intant il-Kunsill wara li is-sena l-oħra installa tlett lampi ġodda fuq arbli kbar fin-naha ta' isfel ta' Triq il-Meditteran propju qrib is-separation bins ta' San Ġorġ, installajna ukoll dawl gdid fit-triq bla isem li tagħti għall-kumpless sportiv ta' Pembroke Athleta. Dan kien ilu jinħass il-bżonn tiegħu u għax huwa l-post fejn kellna ħafna rapporti ta' fastidju fuq tfajliet kif ukoll minħabba n-numru kbir ta żgħażagħ u familji li jiffrekwentaw dan il-klabb. Sar ukoll dawl gdid fi Triq San Ġorg Preca u nisperaw li matul din is-sena isir dawl ġdid fi Triq Kurunell Cocks.

Il-ħolma li l-post ta' rikreazzjoni ta' Triq l-Imħallef William Ħarding isir mid-dipartiment tad-djar tista' tgħid li għebet u spiċċat. Il-Kunsill m'għandux fondi biex dan isir. Intant mill-laqgħa li saret ma' l-Awtorita' tad-Djar biex kif sar f'Kunsilli oħra din iż-żona isirilha tisbieħ ħalli jservi ta' ġnien / żona ta' rikreazzjoni, konna infurmati li flus għal-xogħolijiet ġodda bħal dan il-każ m'hemmx għax l-Awtorita trid tlesti l-ewwel fejn bniet binjiet tagħha. Xorta waħda l-Kunsill għandu jinsisti biex jara jekk hemmx xi program tal-EU biex ikun jista' jsir dan il-ġnien.

B'dispjaċir ninfurmawkom li wara l-laqgħa ma' diversi uffiċjali u Ministri biex issir il-kostruzzjoni ta' lis-Slipway matul is-snin li għaddew, għadna fejn konna. Jidher li ma hemmx ħeġġa biex din il-wegħda issir realta`. Il-Kunsill reġa qajjem din il-kwistjoni b'risq ir-residenti delittanti tal-baħar mal-Ministru George Pullicino kif ukoll ressaq it-talba biex ħdejn il-Girna ta' San Ġorġ isir 'pitch' tal-boċċi. Intant il-Kunsill permezz tal-Perit tiegħu għamel pjanta għall dan il-pitch u ressaqha quddiem il-MEPA.

Matul din is-sena se tinbidel ir-rotta tal-karozza tal-linja ħalli sservi aħjar il-bżonnijiet tar-residenti speċjalment ta' dawk li se jkunu qed joqgħodu fil-blokki l-ġodda b'mod partikulari ta' Trejqet il-Beatu Dun Ġorġ Preca. Dan ser ikun possibli wara li il-Gvern Ċentrali ngaġġa kuntrattur ġdid għas-servizz tal-linja ġdid għal Malta

Bl-akbar sodisfazzjon għalina u għal ħafna familji, l-għargħar li jgħaddi minn Triq Margerita De Brincat u Triq Manche' naqas ħafna bix-xogħol li sar mill-Gvern Ċentrali f'dawn it-toroq u l'

ikkumplimentaw il-bini ta skola ġdida Primarja, billi sar kulvert ġdid fid-daħla ta' St Patrick's u b'hekk jilqa' ħafna mill-ilma li jaqsam minn High Ridge għan-naħa ta' Pembroke. Wara l-istudju li għamel il-Perit tal-Kunsill u wara li tlesta d-dokument ta' x'hemm bżonn isir, dan intbagħat lill-Ministeru konċernat.

Bil-ferħ kollu l-iskola ġdida issa bdiet tiffunzjona minn Settembru 2009. Skola li hija ta' xempju għal skejjel oħra speċjalment rigward enerġija alternattiva. Dan il-proġett mill-Gvern Ċentrali se jgħin lill-lokal ta' Pembroke indirettament fil-preżenza tiegħu bħala membru fil-Covenant of Mayors, għaqda taħt il-patronċinju tal-EU. L-għan tagħna f'din l-organizzazzjoni huwa li l-lokal tagħna jagħmel minn kollox biex inaqqas l-emmissjoni b'20 fil-mija sas-sena 2020.

Matul din is-sena se nkunu ukoll ghamilna investiment fl-enerġija alternattiva meta fuq il-bejt tal-Kunsill ser tkun installata sistema ta' pannelli solari biex b'hekk innaqsu l-emmissjoni tac-CO2.

Din is-sena ukoll ser naraw ħolma ohra issir realta' meta se jkun inawgurat il-ktieb rigward Pembroke. Dan il-ktieb huwa lest u se jkun varat propju f'Jum Pembroke.

Xogħol ieħor l'ilu jaħdem fuqu l-Kunsill ta' Pembroke hija il-konferenza internazzjonali tal-ECAD. Din il-konferenza qed issir bi sħab mas-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali li għoġbu jħallas il-finanzjament ta' din il-konferenza. B'dispjaċir din il-konferenza li kellha issir fit-23 u l-24 t'April tħassret minħabba li sploda vulkan fl-Islanda li ħarbat it-trasport bl-ajru lejn pajjiżna. Intant din il konferenza issa ser tkun qegħda issir f'Settembru.

## Ħsibijiet

Matul din is-sena nisperaw li jsir it-tisbieħ fid-daħla ta' Pembroke u li se jkun komplimentari max-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Normandy kif ukoll dħul għal-Park and Ride maħsuba għal l-Ex-parade ground. Ir-rikostruzzjoni tat-toroq li semmejt u embellishment tal-bajja għandhom ukoll ikunu fuq l-aġenda ta' dan il-Kunsill għaż-żmien li ġej u fil-fatt il-proġett ta' Garigue Park fix-xahri ta' Pembroke ser jgħin biex isir dan it-tisbieh propost. Dan mhux se jsir f'sena waħda iżda l-programm ta' ħidma huwa dan. Naturalment jekk jinqala' xi emerġenza din dejjem tirbaħ fuq kollox.

Id-dawl fil-lokalita' tagħna għandu bżonn jiżdied matul iż-żmien li ġej. Żguri li jrid jiżdied speċjalment f'siti ġodda tal-Housing. Id-dawl ġdid jiswa flus li żgur dan il-Kunsill m'għandux biżżejjed. Il-koperazzjoni flimkien mad-Dipartiment tad-djar trid tissaħħaħ ħalli flimkien nieħdu ħsieb li jsir tisbieħ madwar il-bini tal-Gvern li tiela' madwar Pembroke. Irridu nżommu armonija ma' l-ambjent tagħna. Irridu nżommu wkoll kuntatt kontinwu mar-residenti u naraw kif il-bżonnijiet tagħhom jiġu milqugħa skond il-mezzi disponibbli tagħna.

**Joe Zammit**
***Sindku***

# 2.1 Il-Kunsill

L-Elezzjoni tas-Sitt Leġislatura tal-Kunsill saret f'Marzu ta' l-2008 u l-Ħatra tal-Ġurament saret fl-aħħar jiem ta' Marzu stess ta' l-2008.

Iż-Żmien tat-tmexxija tas-Sitt Leġislatura tal-Kunsill huwa mil-1 t'April 2008 sal-31 ta' Marzu 2011. Il-Kunsill huwa kostitwit minn :-

| Kariga | Isem u Kunjom | Rappreżentant |
|---|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joe Zammit** | **Rappreżentant MLP** |
| **Viċi Sindku** | **Is-Sur Alfred Mazzitelli** | **Rappreżentant MLP** |
| **Kunsillier** | **Is-Sur Lauro Fava** | **Rappreżentant PN** |
| **Kunsillier** | **Is-Sinjura Evelyn Vella Brincat** | **Rappreżentant PN** |
| **Kunsillier** | **Is-Sur Joe Brincat** | **Rappreżentant MLP** |

*Matul din is-sena finanzjarja kien hemm xi tibdiliet fir-responsabbilita' tal-Kunsilliera minħabba diversi fatturi. Il-lista t'hawn taħt turi l-aħħar responsabbilitajiet li għandhom il-Kunsilliera fl-aħħar tas-sena finanzjarja.*

## Sotto Kumitati

| Chairman | | Sotto Kumitat |
|---|---|---|
| **Sindku Joe Zammit** | **Kumitat -** | Finanzi, Relazzjonijiet Pubbliċi Lokali u Internazzjonali, Ordni Pubblika, Awtorita' ta' l-Ippjanar, Informazzjoni, I.T., Proġetti Kapitali u Infrastrutturali, Tfassil tal-Kuntratti tal-Kunsill, Applikazzjonijiet għall-Fondi ta' l-EU, Il-kuntratti kollha u l-ħarsien tat-twettiq tal-kuntratti tal-Kunsill u l-Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill. |
| | **Definizjoni -** | Responsabbli mill-Budget, Accounts, Sponsors inġenerali; Relazzjoni mal-Pulizija u mal-Gwardjani Lokali; Relazzjonijiet pubbliċi (PR) lokali u nternazzjonali nkluż it-tħaddim tal-Ġemellaġġi eżistenti u dawk futuri; Rappreżentant tal-Kunsill fuq diversi delegi fosthom l-E-Government; Rappreżentant fil-Kumitat Konġunt għat-twettiq tad-Delega tal-Gwardjani Lokali, Rappreżentant sostitut fuq il-Kumitat Kongunt tad-delega tad-dawl u Rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun; Responsabbli biex iżomm kuntatt ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar proġetti li jolqtu l-lokalita' ta' Pembroke; Responsabbli mill-Kuntratti għaż-żamma, kostruzzjoni u l-manutenzjoni tat-toroq u bankini ordnati mill-Kunsill kif ukoll kordinament mad-Dipartimenti konċernati jekk ix-xogħol isir mill-Gvern Ċentrali; Responsabbli mit-tfassil u l-eżekuzzjoni tal-kuntratti kollha tal-kuntratturi tal-Kunsill; Responsabbli minn applikazzjonijiet għall-fondi għal diversi inizjattivi u proġetti minn fondi ta' l-EU u Responsabbli biex jipprepara l-pubblikazzjoni ta' fuljetti, video jew materjal ieħor tal-Kunsill. |
| **Viċi Sindku Alfred Mazzitelli** | **Kumitat -** | Dawl; Housing; Anzjani, Żgħażagħ, Sports, Attivitajiet |

Soċjali, Scouts, Traffiku u Servizzi Pubbliċi.

**Definizjoni -** Rappreżentant fuq il-Kumitat Konġunt għaż-żamma, manutenzjoni u nstallazzjoni tad-dawl tat-toroq; Kordinazzjoni ma' l-Awtorita' tad-Djar; Responsabbli mill-anzjani u l-ħarsien tal-bżonnijiet tagħhom; Isiru kuntatti mad-diversi għaqdiet sportivi fil-lokal bil-possibilita' li tiġi ffurmata assoċjazzjoni sportiva ħalli jitkabbar l-ispirtu sportiv fil-lokal; Responsabbli minn organizzazzjoni t'attivitajiet għaż-żgħażagħ; Responsabbli minn organizzazzjoni t'attivitajiet sportivi b'kollaborazzjoni ma' għaqdiet sportivi fil-lokal kif ukoll li jinżamm kuntatt ħaj ma' dawn l-għaqdiet; Jieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' attivitajiet soċjali u kulturali u tal-massa hekk kif maqbula mill-Kunsill u responsabbli sabiex iżomm kuntatt kontinwu ma' gruppi ta' Scouts fil-lokal; Rappreżentant sostitut fuq il-Kumitat Konġunt tal-Gwardjani Lokali; Responsabbli miż-żamma u manutenzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku u l-iskema ta' parkeġġi riservati għar-residenti nkluż it-traffiku nġenerali; Responsabbli minn kordinazzjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma/Dranaġġ, mal-Korporazzjoni Enemalta, Melita Cable plc, Go plc, Dipartimenti u entitajiet oħra li għandhom servizzi għaddejja mit-toroq ta' Pembroke.

**Kunsillier Lauro Fava**

**Kumitat -** Trasport Pubbliku; Settur Kummerċjali; Konfini; tfassil u twettiq ta' Bye-Laws;

**Definizjoni -** Responsabbli mit-trasport pubbliku b'kordinazzjoni ma' ADT u ma' l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku nkluża r-rotta tal-linja u l-Bus Shelters; Responsabbli mit-tibdil tal-konfini tal-lokal; Responsabbli mis-settur kummerċjali fil-lokal; Responsabbli mit-tfassil, twettiq u l-implimentazzjoni tal-Bye Laws.

**Kunsillier Evelyn Vella Brincat**

**Kumitat -** Edukazzjoni; Kultura; Turiżmu; Bini Storiku; Single Parents u Saħħa.

**Definizjoni -** Responsabbli miż-żamma, ħarsien u manutenzjoni tal-bini storiku; Il-ħolqien ta' mużew u s-superviżjoni ta' l-istess mużew ta' l-istorja tal-lokal b'mod partikulari fil-bini tal-Batterija; Tfassil ta' turiżmu kulturali lokali u turiżmu internazzjonali b'involviment ta' ftehim ta' ħbiberiji ma' Kunsilli barranin flimkien mas-Sindku; Eko-turiżmu u ħolqien ta' Heritage Route; Responsabbli minn ħolqien ta' kampanja edukattiva rigward wirt il-lokal u l-ħarsien tiegħu. Il-ħarsien tal-bżonnijiet ta' persuni li huma single parents; Responsabbli mis-saħħa ġenerali tar-residenti speċjalment fejn jidħlu proġetti li jistgħu jkunu ta' detriment għas-saħħa tar-residenti tagħna; Responsabbli minn kampanja edukattiva dwar diversi suġġetti b'kordinament mad-diversi skejjel fil-lokal bil-possibilita' ta' tfassil t'assoċjazzjoni edukattiva; Organizzazzjoni ta' żjarat edukattivi u esibizzjonijiet relatati;

**Kunisllier Joe Brincat**

**Kumitat -** **Konservazzjoni, ħarsien u titjieb ta' l-ambjent u persuni u familji bi bżonnijiet speċjali.**

**Definizjoni -** **Responsabbli mill-ħarsien ġenerali ta' l-ambjent**

**tal-lokal inkluż l-open areas, it-tindif tat-toroq, żamma u manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi, tisqija tas-siġar, ġbir ta' bulky refuse, ġbir u separazzjoni tal-household refuse, żbir u tħawwil ta' siġar, inizjattivi ambjentali fosthom clean ups u proġetti tas-separazzjoni ta' l-iskart; Rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat tal-Bring in sites; Responsabbli minn kampanja edukattiva favur il-ħarsien ta' l-ambjent fil-lokal, Li jsir studju dwar il-problemi soċjali li jeżistu f'Pembroke kif ukoll li ssir ħidma ma' diversi aġenziji governattivi u NGO's favur familji u persuni bi ħtiġijiet speċjali b'kollaborazzjoni ma' l-iskola speċjali u għaqdiet oħra.**

## Ħatra ta' Kumitati u Bordijiet oħra tal-Kunsill

***Bord Editorjali għall-Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill inkluż il-Home Page tal-Kunsill***

Il-membri kollha eletti tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Editur tal-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill inkluż l-IT ikun is-Sindku Joe Zammit.

***Kumitat tal-Finanzi, Bord ta' l-Għażla tat-tenders u l-Kwotazzjonijiet***

Il-membri kollha eletti tal-Kunsill.

***Attivitajiet konnessi ma' Jum Pembroke***

Il-membri kollha eletti tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

***Pembroke Town Council (Malta) u St. David's Welsh Society Joint Co-ordinating Committee***

Għall-Kunsill Lokali Pembroke, il-membri kollha eletti tal-Kunsill.

## Staff

| Impjegat | Grad | Bidu t'impjieg | Tmiem t'impjieg |
|---|---|---|---|
| Kevin Borg | Segretarju Eżekuttiv | 1 ta' Settembru 1997 | |
| Alison Micallef | Skrivana | 15 t'Ottubru 2000 | |
| Kirsty Rizzo | Skrivana | 1 ta' Lulju 2008 | |

Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mis-servizzi ta' :-

| Servizz | Isem / Kumpanija | Rimarki |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| **Project Manager u Perit** | Kevin Fsadni | Sorveljanza fuq kuntratti u xogħolijiet |
| **Avukat** | L-Avv. Luciano Busuttil MP | Pariri u każilijiet legali |

## 2.2 Attendenza għall-laqgħat tal-Kunsill.

**Attendenza għall-Laqgħat tal-Kunsill Lokali Pembroke**
**P = Preżenti A = Assenti S = Skużat**
**Sena :- L-1 t'April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009**

| Data | Is-Sindku Joe Zammit | Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli | Il-Kunsillier Lauro Fava | Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat | Il-Kunsillier Joe Brincat | Is-Segretarju Eżekuttiv K. Borg | Numru tal-Laqgħa |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13/04/2009 | P | P | A | S | P | P | 05/K6/2009 |
| 07/05/2009 | P | P | P | S | P | P | 06/K6/2009 |
| 20/05/2009 | P | P | S | S | P | P | 07/K6/2009 |
| 03/06/2009 | S | P | S | P | P | P | 08/K6/2009 |
| 17/06/2009 | P | P | P | P | P | P | 09/K6/2009 |
| 17/06/2009 | P | P | P | P | P | P | 10/K6/2009 |
| 08/07/2009 | P | P | P | S | S | P | 11/K6/2009 |
| 22/07/2009 | P | P | P | P | P | P | 12/K6/2009 |
| 27/07/2009 | P | P | P | S | P | P | 13/K6/2009 |
| 05/08/2009 | P | P | S | P | S | P | 14/K6/2009 |
| 23/09/2009 | P | P | P | S | P | P | 15/K6/2009 |
| 07/10/2009 | P | P | P | S | P | P | 16/K6/2009 |
| 21/10/2009 | P | P | P | S | P | P | 17/K6/2009 |
| 04/11/2009 | P | P | P | P | P | P | 18/K6/2009 |
| 26/11/2009 | P | P | P | S | P | P | 19/K6/2009 |
| 16/12/2009 | P | S | 12 | P | P | P | 20/K6/2009 |
| Totali | 93.75% | 93.75% | 56.25% | 43.75% | 87.50% | | |

**Nota** : Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kellha numru ta' laqgħat fejn kienet skużata peress li tkienet tkun indisposta minħabba kura medika

# 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, li kienet tkopri 9 xhur mnflok 12, il-Kunsill Lokali Pembroke għamel l-almu tiegħu biex jaqdi l-funzjonijiet li hemm indikati fl-Att XV ta' l-1993 u dan sar bi sforz kbir biex ma jispiċċax b'xi bilanċ negattiv fil-kotba finanzjarji tiegħu. Fl-aħħar ta' Diċembru 2010 il-Bilanċ kien ta' **€ 79,955,86.** Dan l-ammont kien maqsum hekk :-

| | | |
|---|---|---|
| **HSBC Savings Account** | **€ 37613,68** | **+** |
| **HBSC Savings Account ( Pembroke Battery)** | **€ 1,504.56** | |
| **HSBC Current Account** | **€ 8,265,44** | |
| **HSBC Fixed 1 Month Account** | **€ 40,000.00** | |
| **Volksbank Current Account** | **€ 669.73** | |
| **Petty Cash** | **€ 232.94** | |
| **Sub Total** | **€ 88,286,35** | **-** |
| **Uncashed Chqs** | **€ 8,330,49** | |
| **Total** | **€ 79,955.86** | |

Minn dan il-bilanċ ta' **€ 79,955.86** il-Kunsill għandu jnaqqas :

| | | |
|---|---|---|
| **Credituri** ( Xogħol lest li għadu ma' tħallasx) | **€ 8,016.25** | **-** |
| **Accruals** ( Estimu ta' xogħol li ġie ordnat l-iżda l-kont għadu ma wasalx ) | **€ 44,942,06** | **-** |
| **Accruals** ( Pembroke Battery Special Funds ) | **€ 1,479.88** | **-** |
| **Accruals** ( Street Lighting Special Funds ) | **€ 20,000.00** | **-** |
| **Accruals** ( Photovoltaic Special Funds ) | **€ 4,100.00** | **-** |
| **Bilanċ** | **€ 1,417.67** | |
| **Long Tern Liability Bnak Loan** ( € 537.00 * 12 ) | **€ 6,444.00** | **-** |
| **Prepaymemts** ( Kera u assikurazzjoni ) | **€ 2,134.13** | **+** |
| **Accruals** ( LES għax-xahar ta' Diċembru ) | **€ 1,355.00** | **+** |
| **Accruals** ( Stock ta' stationery ) | **€ 1,600.00** | **+** |
| **Bilanċ** | **€ 62.80** | |

**Finalment wieħed għandu jinnota wkoll li l-bilanċ dovut għall-Loan approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali huwa dak ta' € 94,775.28.**

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Ir-responsabbilitajiet li kellu l-Kunsill għas-sena finanzjarja 2009 (April – Diċembru) kienu:

1. **Ġbir u ġarr ta' Żibel u Skart domestiku**
2. **Tindif tat-Toroq**
3. **Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi**
4. **Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**
5. **Tindif u Manutenzjoni tax-Xtut u Bajja**
6. **Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq**
7. **Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi**
8. **Tindif u Manutenzjoni ta' Toroq u partijiet mhux Urbani**
9. **Delega tal-Gwardjani Lokali**
10. **Żamma, manutenzjoni u nstallazzjoni ta' dwal tat-toroq.**

### Ġbir u ġarr ta' żibel u Skart domestiku

Dan sar ta' kulljum fuq bażi regolari u kien ikkumplimentat bis-servizz tal-'Bulky Refuse Collection'. Darba fil-ġimgħa sar ġbir ta' skart domestiku goff, bħal m'huma saqqijiet eċċ u dan minn wara l-bieb tal-persuna kkonċernata. Il-ħlas ta' dan is-servizz sar mill-Kunsill Lokali. F'każijiet fejn għad hemm nies li m'humiex konxji ta' l-ambjent u jitfgħu skart goff f'xi nħawi l-Kunsill ħa azzjoni mmedjata biex dan jiġi mneħħi. Fl-aħħar xhur deher li dan is-servizz kien effiċjenti tant li naqas b'mod konsiderevoli l-ammont ta' żibel li kien jintefa fl-'Open Areas'. Tkompliet wkoll is-sistema ta' l-użu ta' l-iskips tas-separazzjoni liema servizz jingħata b'effiċjenza. Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat mid-djar, servizz li qed isir fuq bażi Nazzjonali.

Rigward is-servizz tal-Ġbir ta' Skart matul din is-sena kien hemm ilmenti minn membri tal-Kunsill li l-ġbir kien qed jinbeda aktar kmieni minn kif stipulat fil-kuntratt u l-Kunsillier responsabbli ħa ħsieb sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-kollettur għal aktar minn darba.

Lejn l-aħħar tas-sena l-Kunsill ħareġ ukoll il-kuntratt bil-kundizzjonijiet il-ġodda, kuntratt li għalkemm il-pezz mitlub qabeż bil-bosta l-finanzjament tal-Kunsill, il-Kunsill kontra kull rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv xorta waħda approva li jingħata. Ġara iżda li s-Segretarju Eżekuttiv talab l-intervent tad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u dan minħabba l-fatt li jekk kemm il-darba l-Kunsill kien ser jiproċedi bl-iffirmar tal-kuntratt il-Kunsill kien ser jiġi f'pożizzjoni li ma jkunx jista' jonora l-kuntratt għal-erba' snin li ġejja u kien għalhekk li d-Direttur ta' struzzjonijiet lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ma jiffirmax dan il-kuntratt. Sfortunatament is-Sindku u l-kuntrattur xorta waħda ffirmaw dan il-kuntratt fejn eventwalment fil-bidu tas-sena 2010 il-kuntrattur għamel Mandat ta' Inibizzjoni l-Qorti kontra l-Kunsill, liema Mandat intrebaħ mill-Kunsill u dan ġara minħabba l-fatt li kuntratt ma jistax jitqies legali jekk ma jkunx hemm il-firma tas-Segretarju Eżekuttiv. Sussegwentament il-Kunsill reġa ħareġ sejħiet ġodda.

## Tindif tat-Toroq

Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita' tinżamm fi stat nadif. Dan mhux dejjem kien possibbli. Sar ħafna xogħol biex il-ħaxix li jikber mal-bankini, jinqata' kemm jista' jkun ta' spiss, għalkemm mhux dejjem sar skond l-esiġenzi u l-aspirazzjonijiet tal-Kunsill.

## Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi

Il-Latrini li għandna fil-ġonna tal-lokal jinfetħu kważi kulljum u fuq bażi regolari u jidher li x-xogħol li sar kien wieħed sodisfaċenti, għalkemm dejjem hemm lok fejn jista' jsir progress. Wieħed ma jridx jinsa li għal dan is-servizz il-Kunsill mhux qed iħallas flus minħabba l-fatt li s-servizz qed jiġi provdut mingħajr ħlas mill-Gvern Ċentrali.

## Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq

Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul is-sena li għaddiet sar xogħol ta' patching fit-toroq kollha tal-lokal fejn kien hemm bżonn kif ukoll li kien hemm każi li numru ta' toroq minnhom sar patching fihom għal aktar minn darba.

## Tindif u Manutenzjoni tax-Xtut u Bajja

Dan sar fuq bażi regolari skond il-kuntratt u kien wieħed sodisfaċenti. Ta' min jinnota li l-Kunsill mhux qed iħallas għal dan is-servizz peress li qed jiġi offrut mill-Gvern Ċentrali mingħajr ħlas.

## Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq

Ix-Xogħol tat-tabelli qed isir minn kuntrattur privat fejn il-kwalita' hija tajba għalkemm l-effiċjenza m'hiex daqstant. Sfortunatament il-problema prinċipali hija li t-tabelli tat-traffiku jiġu vandalizzati frekwentament u b'hekk il-Kunsill qed ikollu spiża li tista' tiġi ffrankata bi ftit koperazzjoni minn kulħadd.

Ta' minn jinnota wkoll li l-marki tat-traffiku llum ukoll qed isiru minn kuntrattur privat. Il-Kunsill qed iħallas ammont konsiderevoli għal dan is-servizz.

## Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi u siġar oħra

Il-Kunsill ħa ħsieb li kemm il-Ġnien Madre Teresa ta' Kalcutta, jiġifieri dak ta' Triq Camillo Sciberras kif ukoll Ġnien 4 ta' Lulju li jinsab fi Triq Jum Pembroke jiġu mnaddfa u jsirilhom il-manutenzjoni kollha meħtieġa fuq bażi regolari u skond l-esiġenzi w għas-sodisfazzjon ta' kulħadd. Ta' min jinnota li matul din is-sena il-Kunsill qabbad kuntrattur biex fuq bażi regolari jsaqqi s-siġar li tħawwlu f'dawn l-aħħar snin speċjalment dwar dawk li tħawwlu fil-picnic area li hemm fid-daħla ta' Pembroke. Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jkompli jiżra numru konsiderevoli ta' siġar u dan biex jissebbaħ aktar l-ambjent ta' madwarna.

## Tindif u Manutenzjoni ta' Areas mhux Urbani u Open Areas

Il-Kunsill ħa ħsieb biex isir il-manutenzjoni kollha meħtieġa fil-partijiet tal-lokal li mhux urbani.

## Tindif u Manutenzjoni ta’ Soft Areas

Il-Kunsill ħa ħsieb biex f’partijiet mill-lokal tibqa’ ssir manutenzjoni fuq bażi regolari. Dan ix-xogħol qed isir minn kuntrattur privat.

## Id-Delega tal-Gwardjani Lokali.

Is-servizz mhux dejjem qed jilħaq l-aspettattiva tal-Kunsill. Il-Kunsill Lokali Pembroke dejjem saħaq li l-ispejjeż għandhom jinħarġu minn fond komuni tal-Kumitat Konġunt u fil-fatt hekk qed isir iżda dan jista’ jagħti l-każ li qed isarraf li l-Kunsill ma jkollux kontrol fuq l-iskeda tas-servizz mogħti mill-kumpanija konċernata. Bir-riformi li saru fil-Liġi issa dan ix-xogħol ser jibda jsir mill-Kumitat Reġjonali.

## L-Amministrazzjoni

Bħala kumment dwar l-amministrazzjoni ta' l-Uffiċċju, nixtieq ngħid li dan ikun miftuħ regolarment mit-Tnejn sal-Ġimgħa f'ħinijiet stabiliti mill-Kunsill kif ukoll wara li saret ir-riforma nhar ta’ Sibt kif mitlub mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fl-Uffiċċju issib lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u lis-Sinjorini Alison Micallef u Kirsty Rizzo bħala skrivani Full Time. Għall-perjodu qasir kien hemm ukoll is-Sinjorina Sharon Micallef li bdiet tidħol nhar ta’ Sibt biss, l’iżda rriżenjat wara li ħadmet ftit siegħat u x-xogol beda jinqasam bejn iż-żewġ skrivana full time.

Dawn il-persuni dejjem ikunu lesti jagħmlu l-almu tagħhom biex jilqgħu l-ilmenti u jippruvaw, meta jkun possibbli, jsibu soluzzjoni għall-problemi li jinqalgħu għalkemm dan mhux dejjem ikun possibbli.

## Assenjar ta’ persuni mill-ETC

Lejl l-aħħar kwart tas-sena l-Kunsill pie assenjat ħaddiem mill-ETC lieam ħaddiem qed jagħmel 30 siegħa xogħol fil-ġimgħa, liema xogħol jinkludi xogħol ta’ manutenzjoni ġenerali.

## Konklużjoni

Għaddiet sena oħra ta' ħidma ntensiva mill-Kunsill. Sena li setgħet tagħat ħafna aktar frott aħjar li kieku ma kienx hemm daqstant burokrazija u nuqqas kbir ta' ħaddiema biex jaħdmu fil-lokalita' speċjalment minn dawk assenjati minn ma’ l-IPSL. L-attivitajiet kulturali u soċjali konnessi maż-żmien tal-Milied għenu biex jinżamm kuntatt mar-residenti. J’alla l-Kunsill iżomm fuq dan il-pass biex b’hekk b'iżjed kuraġġ u ko-operazzjoni għandu jelgħeb il-problemi li jinqalgħu minn żmien għal żmien.

**Kevin Borg**
***Segretarju Eżekuttiv***

# 4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati fid-Dħul u fl-Infiq

| | | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2009 - 10 ATTWALI €** | **2009 - 10 ESTMI €** | **2008 - 09 ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI/ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **2** | **Id-Dhul** | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 346,961.81 | 400,349.89 | 353,544.69 | (53,388.08) | (6,582.88) |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 12,016.53 | | 40,664.96 | 12,016.53 | (28,648.43) |
| 0090 | L-Investiment | 933.41 | | 2,673.89 | 933.41 | (1,740.48) |
| 0100 | Generali | 5,668.00 | 4,600.00 | | 1,068.00 | 5,668.00 |
| | **TOTAL** | **365,579.75** | **404,949.89** | **396,883.54** | **(39,370.14)** | **(31,303.79)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 45,040.61 | 65,271.00 | 58,801.06 | 20,230.39 | 13,760.45 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 235,797.03 | 327,414.89 | 248,235.48 | 91,617.86 | 12,438.45 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 4,786.25 | 12,264.00 | 8,580.11 | 7,477.75 | 3,793.86 |
| | **TOTAL** | **285,623.89** | **404,949.89** | **315,616.65** | **119,326.00** | **29,992.76** |
| | **Bilanc** | **79,955.86** | **(0.00)** | **81,266.89** | **(158,696.14)** | **(61,296.55)** |

**Noti:**

# 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| | | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2009 - 10 ATTWALI € | 2009 - 10 ESTMI € | 2008 - 09 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI - ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| **2** | **Id-Dhul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern ( Brought Forward )** | 81,266.89 | 81,266.89 | 51,363.49 | 0.00 | |
| 0001 | Annwali | 236,691.90 | 319,083.00 | 302,181.20 | (82,391.10) | (65,489.30) |
| 0002 | Supplimentari | 4,903.02 | | | 4,903.02 | 4,903.02 |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | 24,100.00 | | | 24,100.00 | 24,100.00 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publici/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Hwejjeg Ohra | | | | | |
| | | **346,961.81** | **400,349.89** | **353,544.69** | **(53,388.08)** | **(36,486.28)** |
| **0020** | **Il-'Bye-Laws'** | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 9,183.00 | | 15,361.87 | 9,183.00 | (6,178.87) |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Generali | 2,833.53 | | 25,303.09 | 2,833.53 | (22,469.56) |
| | | **12,016.53** | | **40,664.96** | **12,016.53** | **(28,648.43)** |
| **0090** | **Investiment** | | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 933.41 | | 2,673.89 | 933.41 | (1,740.48) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **933.41** | | **2,673.89** | **933.41** | **(1,740.48)** |
| **0100** | **Generali** | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 50.00 | | | 50.00 | 50.00 |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 5,618.00 | 4600.00 | | 1,018.00 | 5,618.00 |
| | | **5668.00** | **4600.00** | | **1068** | **5668** |
| | **TOTAL** | **365,579.75** | **404,949.89** | **396,883.54** | **(39,370.14)** | **(61,207.19)** |

## Noti: Ara hawn taħt

| Riċevuta | Deskrizzjoni | Ammont (€) |
|---|---|---|
| | Allokazzjon Finanzjarja Qtr 1 Perjodu Apr - Ġun 2009 | € 78,897.30 |
| 1756 | Permess għall-Krejn | € 2.33 |
| 1764-65 | Permess għal-Open Skip u High Up | € 3.73 |
| 1766-69 | Kontribuzzjoni Attivita' UEFA Champions League | € 30.00 |
| 1770/72 | Permes sgħall-High up u skip | € 4.90 |
| 1771 | Kontribuzzjoni Attivita' UEFA Champions League | € 12.00 |
| 1773-77 | Kontribuzzjoni Attivita' UEFA Champions League | € 33.00 |
| 1778 | LES Joint Committee 01/09/08 - 31/03/09 | € 426.00 |
| 1779-81 | Kontribuzzjoni Attivita' UEFA Champions League | € 12.00 |
| 1782 | Ħlas ta' parking dial | € 0.58 |
| 1783 | Kontribuzzjoni Attivita' UEFA Champions League | € 6.00 |
| 1784 | Adventure Camping Shop - Donazzjoni | € 50.00 |
| 1785-86 | Permess għall-krejn u open skip | € 6.06 |
| 1787 | Kontribuzzjoni Attivita' UEFA Champions League | € 54.00 |
| 1788-1790 | Permess għall-krejn u trailer | € 52.33 |
| 1791 | Ħlas ta' parking dial | € 0.58 |
| 1792 | Permess għal open skip | € 2.57 |
| 1793-1794 | Kontribuzzjonijiet attivitajiet tal-football | € 18.00 |
| 1795 | Permess għal open skip | € 2.33 |
| 1796 | Kontribuzzjonijiet attivitajiet tal-football | € 6.00 |
| 1797 | ADT Parking dial | € 0.58 |
| 1798-1799 | Kontribuzzjonijiet attivitajiet tal-football | € 9.00 |

| | | |
|---|---|---|
| | HSBC Fixed Acc Bank Interest - April | € 64.58 |
| 1802-1809 | Bejgħ 5 paking dials | € 2.90 |
| | Rinburżar tal-Konferenza kontra d-Droga li saret Vilnius | € 378.11 |
| 1818 | Permess għall-High up | € 2.33 |
| 1820 | Bejgħ ta' parking dial | € 0.58 |
| 1825, 1827 | Tender 03/2009 | € 100.00 |
| 1828 | Permess għal open skip | € 6.05 |
| 1831 | Tender 03/2009 | € 50.00 |
| 1810-1817 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 52.00 |
| 1819, 1821 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 12.00 |
| 1823-1824 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 8.00 |
| 1826, 1829 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 12.00 |
| 1830, 1832 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 16.00 |
| 1833-1835 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 16.00 |
| 1836 | Permess għal-open skip | € 3.74 |
| 1837-1841 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 28.00 |
| 1842 | Permess għall-High up | € 2.33 |
| 1843 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 8.00 |
| 1844-1845 | Bejgħ ta' parking dial | € 1.16 |
| 1846-1847 | Kontribuzzjoni attivita' ta' Jum l-Omm - 20/05/09 | € 20.00 |
| 1849 - 1850 | Tender 03/2009 | € 100.00 |
| 1853 | Bejgħ ta' parking dial | € 1.74 |
| 1854 | Permess għal open skip | € 2.57 |
| | HSBC Fixed Acc Bank Interest – Mejju | € 62.50 |
| | HSBC Fixed Acc Bank Interest – Ġunju | € 109.79 |
| 1855 | Permess għall-High Up | € 2.33 |
| 1856 | Tender 03/2009 | € 50.00 |
| 1857 | Bejgħ ta' parking dial | € 0.58 |
| 1858 | Permess għall-High Up | € 2.33 |
| 1859 | Lapel pin tal-Kunsill | € 2.33 |
| | Allokazzjoni Finanzjarja Qtr 2 Perjodu Lul - Set 2009 | € 78,897.30 |
| 1860 | Tender fee | € 50.00 |
| 1862-1864 | Permess għall-open skip u cherry picker | € 8.63 |
| 1865 | Bejgħ ta' 2 parking dial | € 1.16 |
| 1866 | Permess għall-open skip | € 1.40 |
| 1867 | Permess għall-scafolding | € 268.44 |
| na | HSBC Fixed Acc Bank Interest | € 62.50 |
| 1868-1869 | Permess għall-skip u BBQ | 9.56 |
| 1870-1872 | Permess għall-skip u scaffolding | € 49.40 |
| 1873 | Donazzjoni mingħand HSBC - Kotba Jum Pembroke | € 200.00 |
| 1874 | LES Joint Committee - 01/04/09 - 30/06/09 | € 1,706.00 |
| 1875-1878 | Permess għall-skip u krejn | € 14.69 |
| 1879 | Bejgħ ta' 4 parking dials | € 2.32 |
| 1880-1884 | Permess għall-skip u High up | € 15.86 |
| 1885 | Bejgħ ta' parking dial | € 0.58 |
| 1886 | Mr. Mario Mallia - Appel re Tender 03/09 | € 232.94 |
| 1887-1889 | Permess għall-skip u BBQ | € 9.79 |
| 1890 | NnG Promotions - Donazzjoni re Ex Parade Ground | € 4,600.00 |
| 1891-1892 | Permess ghal-trenching u krejn | € 11.65 |
| na | HSBC Fixed Acc Bank Interest | € 103.33 |
| 1893-1909 | Permess għall-BBQ, Open skip, High up u Trenching | € 78.76 |
| 1910 | 3 Parking dials | € 1.74 |
| 1911-1915 | Permess għall High up, BBQ, Trenching, Krejn | € 20.97 |
| 1916 | 2 Parking dials | € 1.16 |
| 1917 | Permess għall-BBQ | 6.99 |
| 1918 | 4 Parking dials | € 2.32 |
| 1919 | Donazzjoni ta' flus biex jinxtraw kotba għall-librerija | € 466.00 |
| 1920-1921 | 6 Parking dials | € 3.48 |
| 1922-1924 | Permess għall-open skip, krejn u BBQ | € 17.71 |
| na | HSBC Fixed Acc Bank Interest | € 106.67 |

| | | |
|---|---|---|
| 1925-1941 | Permess għall-BBQ, Open skip, High up, BBQ u Trenching | € 118.54 |
| na | HSBC Fixed Acc Bank Interest | € 75.00 |
| | 3rd Government Allocation - Oct to Dec 2009 | € 78,897.30 |
| | Gov Allocation - Oct to Dec Tipping Fees | € 4,903.02 |
| 1942 | Permess għal-trenching | € 2.33 |
| 1943 | Bejgħ ta' parking dial | € 0.58 |
| 1944 | Tender Fees | € 100.00 |
| 1945 | Permess għall-krejn | € 2.33 |
| 1946 | Bejgħ ta' parking dial | € 1.16 |
| 1947 | Permess għall-High Up | € 2.33 |
| 1948 | Tender 05/09 | € 50.00 |
| 1949-1950 | Permess għal-trenching u krejn | € 4.66 |
| 1951-1952 | Parking dials | € 1.16 |
| 1953 | Permess għall-krejn | € 2.33 |
| 1954 | Tender 04/09 | € 100.00 |
| 1955 | LES Group H - Warden tickets July - Sept 2009 | € 2,357.00 |
| 1956 | Permess għal-open skip | € 6.06 |
| 1957 | Tender 04/09 | € 100.00 |
| 1958 | Permess għall-High Up | € 2.33 |
| 1959-1960 | Tender 0/09 u 06/09 | € 150.00 |
| 1961-1963 | Permess għall-krejn u trenching | € 6.99 |
| 1964 | Bejgħ ta' parking dial | € 0.58 |
| 1965 | Tender 05/2009 | € 50.00 |
| 1966 | Permess għall-open skip | € 3.73 |
| 1967 | Bejgħ ta' parking dial | € 1.16 |
| 1968 | Tender 06/2009 | € 50.00 |
| na | HSBC Fixed Acc Bank Interest | € 116.25 |
| 1696-1971 | Permess għal-Open Skip | € 12.13 |
| 1972 | Parking Dials | € 1.16 |
| 1973 | Permess għal-Open Skip | € 2.58 |
| 1974 | Permess għal-Open Skip | € 3.73 |
| 1975 | Permess Road Resurfacing | € 2.33 |
| 1976-1977 | Tender fee - Tender 07/09 | € 100.00 |
| 1978 | LES - Joint Committee Surplus Funds | € 3,841.00 |
| 1979-1980 | Tender fee - Tender 07/09 | € 100.00 |
| 1981 | Tender fee - Tender 07/09 | € 50.00 |
| 1982 | Permess ghall-krejn | € 2.33 |
| 1983 | Tender fee - Tender 07/09 | € 50.00 |
| 1984 | Permess ghall-krejn | € 2.33 |
| 1985 | Tender fee - Tender 07/09 | € 50.00 |
| 1986 | Trenching permit | € 2.33 |
| 1987 | Parking dial | € 0.58 |
| na | HSBC Savings Acc Bank Interest | € 98.15 |
| | LCD - 50% re Energy Saving Scheme | € 4,100.00 |
| 1988 | LCD - Special Funds - Street Lighting | € 20,000.00 |
| 1989-1991 | Tender document fees 07/2009 | € 100.00 |
| 1990 | Parking dial | € 0.58 |
| | HSBC Pembroke Battery Acc | € 2.99 |
| 1992 | Permess għall-Open Skip | € 2.56 |
| 1993 | LES Joint Committee Group H - Jun - Nov 09 | € 853.00 |
| | HSBC Fixed Acc Bank Interest | € 50.00 |
| | Volksbank Acc Bank Interest | € 81.65 |
| | **Total Globali** | **€ 284,312,86** |

*L-Indikaturi li jkejlu l-Effiċjenza u l-Effettivita (ikompli)*

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2009 - 10 ATTWALI €** | **2009 - 10 ESTMI €** | **2008 - 09 ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI/ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 4,499.82 | 6,075.57 | 5,776.80 | 1,575.75 | 1,276.98 |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 35,795.47 | 48,245.91 | 44,040.62 | 12,450.44 | 8,245.15 |
| 1300 | Bonus | 1,173.99 | 5,392.09 | 4,889.49 | 4,218.10 | 3,715.50 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjoniįçt tas-Sigurtà Socjali | 3,240.56 | 4,357.43 | 3,999.42 | 1,116.87 | 758.86 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | | | | | |
| 1700 | Sahra | 330.77 | 1,200.00 | 94.73 | 869.23 | (236.04) |
| | | **45,040.61** | **65,271.00** | **58,801.06** | **20,230.39** | **13,760.45** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xogholijiet ohra** | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 8,092.46 | 30,983.56 | 8,403.19 | 22,891.10 | 310.73 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 1,547.83 | 3,000.00 | 2,783.81 | 1,452.17 | 1,235.98 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 71,977.65 | 86,775.95 | 49,696.39 | 14,798.30 | (22,281.26) |
| 2400 | Kera | 1,200.79 | 1,225.00 | 1,217.10 | 24.21 | 16.31 |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 681.00 | 1,580.00 | 983.49 | 899.00 | 302.49 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | | 5,870.00 | 6,345.74 | 5,870.00 | 6,345.74 |
| 2700 | Trasport | 5,655.26 | 2,750.00 | 2,854.84 | (2,905.26) | (2,800.42) |
| 2800 | Safar u vvjaggar | 2,898.31 | | 3,963.43 | (2,898.31) | 1,065.12 |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 155.99 | 8,995.00 | 1,801.07 | 8,839.01 | 1,645.08 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 2,948.50 | 158,265.38 | 128,345.58 | 155,316.88 | 125,397.08 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 114,075.53 | 11,955.00 | 17,072.79 | (102,120.53) | (97,002.74) |
| 3200 | Tahrig | 13,386.65 | 500.00 | 1,230.00 | (12,886.65) | (12,156.65) |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | | 15,015.00 | 22,627.96 | 15,015.00 | 22,627.96 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | 12,948.60 | 500.00 | 910.09 | (12,448.60) | (12,038.51) |
| 3600 | Local Enforcement System | 228.46 | | | (228.46) | (228.46) |
| | | **235,797.03** | **327,414.89** | **248,235.48** | **91,617.86** | **12,438.45** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | 20.48 | | | (20.48) | (20.48) |
| 7100 | Bini | 3,767.43 | 8,580.00 | 5,420.62 | 4,812.57 | 1,653.19 |
| 7200 | Titjib | 284.00 | 2,200.00 | 717.65 | 1,916.00 | 433.65 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 714.34 | | 2,441.84 | (714.34) | 1,727.50 |
| 7500 | Progetti Specjali | | 1,484.00 | | 1,484.00 | |
| | | **4,786.25** | **12,264.00** | **8,580.11** | **7,477.75** | **3,793.86** |
| | **TOTAL** | **285,623.89** | **404,949.89** | **315,616.65** | **119,326.00** | **29,992.76** |

## <u>Noti:</u>

•

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement HSBC 009010703 050** | **37,613.68** |
| Depoziti li saru sal-31/03/2009 u li ma dehrux fil-Bank Statement<br>Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru u li ma deherux fil-Bank statement | |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **37,613.68** |

## 5.2 Kont kurrenti

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement HSBC 009010703 001** | **8,265.44** |
| Depoziti li saru sal-31/03/2009 u li ma dehrux fil-Bank Statement<br>Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru u li ma deherux fil-Bank statement | <br>8,330.49 |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **-65.05** |

## 5.3 Petty Cash

| | € |
|---|---|
| **Flus fl-idejn** | **232.94** |
| Depoziti li saru sal-31/03/2009<br>Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru | |
| **Bilanc fil-kont fl-idejn** | **232.94** |

## 5.4 Kont Fondi Specjali ( Pembroke Battery )

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement HSBC 009010703 051** | **1,504.56** |
| Depoziti li saru sal-31/03/2009 u li ma dehrux fil-Bank Statement<br>Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru u li ma deherux fil-Bank statement | |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **1,504.56** |

## 5.5 Kont Fixed

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement HSBC '009010703 101** | **40,000.00** |
| Depoziti li saru sal-31/03/2009 u li ma dehrux fil-Bank Statement<br>Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru u li ma deherux fil-Bank statement | |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **40,000.00** |

## 5.6 Kont kurrenti

| | € |
|---|---|
| **Bilanc tal-Bank Statement Volksbank** | **669.73** |
| Depoziti li saru sal-31/03/2009 u li ma dehrux fil-Bank Statement<br>Tnaqqis ta' 'withdrawals' li saru u li ma deherux fil-Bank statement | |
| **Bilanc fil-kont tal-Bank** | **669.73** |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

## 6.1 Rapport ta' l-Udituri

# Rapport Anness